MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 126/2006

**Joseph Mario Portelli**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph Mario Portelli fejn ippremetta:

1. illi huwa twieled f'Victoria, Ghawdex fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u sebgha u sittin (1967) u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex bin-numru progressiv mitejn u dsatax tas-sena elf disa' mija u sebgha u sittin (1967) kif

jidher mill-kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A.

2. illi fl-istess att tat-twelid l-isem li bih l-esponenti kellu jigi msejjah gie mnizzel bhala “Joseph” u dan nonostante illi l-isem li bih il-genituri ta’ l-esponenti xtaqu li binhom jigi msejjah kien “Joseph Mario”, u li kif jidher mill-kolonna “Ismijiet moghtija” ta’ l-istess att tat-twelid, “Joseph Mario” huwa wkoll l-ewwel isem li taw lill-esponenti.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru progressiv mitejn u dsatax tas-sena elf disa’ mija u sebgha u sittin (219/1967) billi fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” l-isem “Joseph” jigi sostitwit bl-isem “Joseph Mario”.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat id-dokumenti annessi u l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi l-konvenut minkejja li debitament notifikat baqa’ kontumaci.

Semghet lir-rikorrent Joseph Mario Portelli jikkonferma bil-gurament tieghu seduta stante illi huwa dejjem kien maghruf bhala Joseph Mario u mhux Joseph.

Peress illi t-talba tar-rikorrent tidher gustifikat.

Tilqa’ t-talba u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid bin-numru progressiv mitejn u dsatax tas-sena elf disa’ mija u sebgha u sittin (219/1967) billi fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” l-isem **“Joseph”** jigi sostitwit bl-isem **“Joseph Mario**”.

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------